# LEZZJONI BIBBLIKA

**L-EWWEL AQRA DAN L-EPISODJU BIL-MOD U WARA GHADDI BIEX TAHDEM L-EZERCIZZJI LI JSEGWU**

## Ġesù jżur lil Marta u Marija



[Lq:10:38] Huma u sejrin, daħal f'raħal, u laqgħetu għandha waħda mara jisimha Marta.[Lq:10:39] Din kellha oħtha, jisimha Marija, li niżlet bilqiegħda f'riġlejn il-Mulej tisimgħu x'kien qiegħed jgħid.[Lq:10:40] Iżda Marta kienet moħħha fuq il-ħafna xogħol tad-dar. Mbagħad resqet u qaltlu: "Mulej, m'intix tara kif oħti ħalliet ix-xogħol kollu fuqi biss? Mela għidilha taqbad tagħmel xi ħaġa miegħi?"[Lq:10:41] Qabeż il-Mulej u qalilha: "Marta Marta! Inti taħseb

wisq u tinkwieta fuq ħafna ħwejjeġ;[Lq:10:42] imma waħda hi meħtieġa. U Marija għażlet l-aħjar sehem, li ma jitteħdilhiex."

## Min kienu Marta u Marija?

Marta u Marija huma zewgt ahwa popolari fil-vangelu. Kemm Luqa kif ukoll Giovanni jiddeskrivuhom bhala l-hbieb ta' Kristu Gesu'. Kellhom huhom jismu Lazzru. Skond l-evangelu ta' San Luqa, Marta kienet il-kap tad-dar; kienet hi li laqghet lil Kristu gewwa darha. Marija probabilment kienet l-izghar. Bhal kull ahwa god-dar, Marta u Marija kellhom personalitajiet differenti u kienu jharsu lejn l-affarijiet b'mod kuntrarju ghal xulxin. Kulhadd kellu l-ideat tieghu.

Marta tidher li kienet it-tip ta' mara li hsiebha kien fit-tmexxija tad-dar. Hafna jarawha bhala mara ta' ospitalita' kbira li kienet virtu stmata hafna f'dawk iz-zminijiet. Ohtha Marija kienet tidher bhala mara aktar mohha fil-hwejjeg ta' Alla u allura persuna spiritwali.

Kristu tant apprezza l-attitudni ta' Marija li lil ohtha wissieha biex tiffoka hafna fuq l-imhabba t'Alla u tal-proxxmu fi kliem iehor fuq it-taghlim li jressaqna lejn Alla l-Missier taghna tas-Sema.

Tassew li Marta u Marija kienu nies kuragguzi ghal ahhar. Huma harsu it-taghlim ta' Kristu u kienu jiffurmaw parti mill-moviment tieghu ta' dixxipli minkejja li kienet haga riskjuza u perikoluza f'dawk iz-zminijiet meta qamet il-persekuzzjoni kontra s-segwaci ta' Kristu wara li dan tela' s-sema u tahom il-mandat li jmorru jxandru l-ahbar it-tajba mad-dinja kollha. Huma zewg nisa li jispirawna li nistudjaw il-kelma t'Alla u nhobbu lil Alla u l-proxxmu taghna bhalna nfusna.

# WIEGEB DAWN IL-MISTOQSIJIET:

1. Kienet Marta li laqghet lil Gesu' gewwa darha.

Veru jew falz

2. Marija kienet tigi ohtha.

Veru jew falz.

3. Marta ma tantx kien jimpurtha mill-hwejjeg tad-dar.

Veru jew falz

4. Marta gidmet ilsienha meta rat lil ohtha tahrab mit-tahbit tad-dar.

Veru jew falz.

5. Marta ghazlet l-ahjar sehem.

Veru jew falz.

6. Marta kien ftit jew wisq hsiebha fil-hwejjeg tad-dar.

Aghzel l-ahjar kelma.

Ipprintija din l-istampa u aghtiha l-kulur

